il-Gżejjer

L-erbatax-il sena

Nru. 5/85

# "L-inkjesta dwar l-għażla ta' l-istudenti għad-dħul fl-Università ma sabet ebda irregolarità jew inġustizzja"

— Il-Prim Ministru,
Dr Karmenu Mifsud Bonnici

**Nhar it-Tnejn 9 ta' Settembru fil-Parlament, li kien qiegħed jiltaqa' l-ewwel darba wara l-btajjel tas-sajf, il-Prim Ministru u Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr Karmenu Mifsud Bonnici għamel stqarrija li fiha wera li Bord ta' Inkjesta, mwaqqaf fi Frar li għadda biex jeżamina x-xogħol imwettaq minn Bord ta' l-Għażla ta' l-Istudenti għal dħul fl-Università, ma sab ebda irregolarità jew inġustizzja f'dak kollu li sar, la min-naħa tal-Bord ta' l-Għażla ta' l-Istudenti u lanqas min-naħa tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Dan il-Bord ta' Inkjesta — li fuqu kellu rappreżentant ta' l-Oppożizzjoni — temm ix-xogħol tiegħu fil-21 ta' Awissu li għadda.**



Fil-bidu ta' l-istqarrija tiegħu, li kienet waħda bil-fomm, il-Prim Ministru qal li l-Bord ta' Inkjesta kien twaqqaf fis-27 ta' Frar, 1985. Dan il-Bord kellu l-inkarigu (terms of reference) jinvestiga sarux xi irregolaritajiet jew ingustizzji minn li Students Selection Board jew mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni fl-għażla ta' studenti għall-Università din is-sena.

Il-Prim Ministru, li poġġa fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tar-Rapport ta' l-Inkjesta, qal li l-Bord kellu bħala Chairman lir-Rettur ta' l-Università, kif ukoll Membru tal-Gvern u ieħor ta' l-Oppożizzjoni. It-tlieta flimkien kellhom jagħżlu rappreżentanti tal-ġenituri ta' l-

istudenti li ma intgħażlux u ta' studenti li ntgħażlu.

L-għażla tar-rappreżentanti tal-ġenituri saret bix-xorti. L-ewwel laqgħa tal-Bord saret fis-6 ta' Marzu, 1985 u fil-11 ta' Marzu, 1985 saret l-ewwel laqgħa li għaliha attenda l-Bord sħiħ ta' l-inkjesta. Il-Prim Ministru qal li l-aħħar laqgħa saret fil-21 ta' Awissu, 1985 u li ħamest ijiem wara huwa rċieva r-rapport ta' din l-inkjesta.

Il-Prim Ministru qal li xtaq ifakkar li dak li ta lok għat-twaqqif tal-Bord ta' l-Inkjesta kien diskors li għamel il-Kap ta' l-Oppożizzjoni. Dan kien qal li jrid jara jekk barra l-kriterji wżati kienx hemm ġustizzja ma' kulħadd għaliex qegħdin fi żminijiet fejn kollox ikollok suspett. Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni kien qal li huwa kien qed jgħid dak il-kliem wara li kienu marru għandu kemm studenti kif ukoll ġenituri li esprimew nuqqas ta' fiduċja li l-affarijiet ma sarux sew.

Fl-istqarrija tiegħu l-Prim Ministru żied jgħid li anke wara t-twaqqif ta' dan il-Bord, fuq il-Mejda tal-Kamra kien tpoġġa r-rapport ta' li Students' Selection Board. F'dan ir-rapport hemm spjegata l-proċedura li tintuża fl-għażla ta' l-istudenti; il-kriterji wżati; suġġerimenti u anke kif jingħataw il-punti. Il-Prim Ministru qal li ma kienet saret ebda kritika mill-Oppożizzjoni għal dan ir-rapport.

Meta reġa' rrefera għall-Bord ta' Inkjesta inkwistjoni, il-Prim Ministru qal li jiddispjaċih josserva li l-Bord ma rnexxilux jasal għal 'consensus' dwar il-'findings' tiegħu dwar dak mitlub li jagħmel — **li jara kienx kemm irregolaritajiet jew inġustizzji minn li Students' Selection Board jew mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni.**

Bħala konsegwenza ta' dan, iċ-Chairman tal-Bord ta' Inkjesta għamel rapport hu. Il-Membru ta' l-Oppożizzjoni flimkien maż-żewġ rappreżentanti tal-ġenituri għamlu 'addendum' għar-rapport; kif għamel ukoll il-Membru tal-Gvern.

**"Meta l-Kamra tara r-rapport issib li f'ebda mument ma jista' jintqal li kien hemm xi irregolarità jew inġustizzja minn li Students' Selection Board jew mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni,"** qal il-Prim Ministru.

Huwa qal li meta tara r-rapport tasal għall-konklużjoni li ħafna minn dak li jingħad m'għandu x'jaqsam xejn ma' dak li kellu jagħmel il-Bord ta' Inkjesta. Huwa żied jgħid li dak li l-aktar li jmur kontra t-'terms of reference' u l-aktar li huwa infondat huwa l-'addendum' li sar mill-Membru tal-Oppożizzjoni u mir-rappreżentanti tal-ġenituri. Il-Prim Ministru qal li wieħed miż-żewġ rappreżentanti tal-ġenituri attenda biss għall-ewwel u l-aħħar laqgħa tal-Bord ta' l-Inkjesta, iżda xorta sab ruħu f'pożizzjoni li jaqsam il-veduti mal-Membru ta' l-Oppożizzjoni.

Il-Prim Ministru qal li l-ewwel kritika li saret kienet li membru ta' li Students' Selection Board kellu ibnu applikant. Madankollu l-Bord ta' Inkjesta qal li dan l-istudent ingħażel fuq mertu tiegħu. Il-Bord qal li jkun tajjeb li ma jkunx hemm sitwazzjoni bħal din.

Il-Prim Ministru qal li ma jidhirx li l-Bord ta' Inkjesta għandu raġun f'din il-kritika. Il-liġi tgħid li fis-Selection Board għandu jkun hemm rappreżentant tal-ġenituri. Sal-lum il-ġenituri magħżula dejjem kienu ta' studenti tan-New Lyceum li jkunu qegħdin jitħejjew għal dħul fl-Università. L-osservazzjoni li saret titlob tibdil fil-liġi.

**Il-Prim Ministru żied jgħid li jekk huwa ħażin li fil-Bord ta' l-Għażla jkun hemm xi ħadd li jkollu interess, allura kif il-ġenituri ħadu parti fil-Bord ta' Inkjesta meta huma kellhom 'l uliedhom involuti?**

Huwa żied jgħid li s-sistema li ntużat mill-Bord ta' l-Għażla hija l-istess waħda li ntużat kemm ilu li twaqqaf dan il-Bord. Iżda tajjeb li wieħed jgħid li l-ġenituri fuq dan il-Bord ma jieħdux parti fejn jingħataw punti lil uliedhom jew lill-konkorrenti ta' wliedhom. Jekk tfittex x'inhu l-interess li jeskludi lil bniedem mill-Bord ta' l-Għażla ikun diffiċli għax l-interess jista' jkun divers.

Il-Prim Ministru qal li osservazzjoni oħra hija li l-kriterju użat ta' l-għażla tal-membri tal-Bord mhux magħruf. Huwa qal li l-liġi tgħid ċar u tond min għandhom ikunu l-membri ta' dan il-Bord — Chairman flimkien ma' 10 membri li tgħid mnejn iridu jingħażlu.

Il-Prim Ministru kompla jgħid li l-Kumitat huwa speċifikat fil-liġi wkoll li għandu jkun kompost mill-Ministri ta' l-Edukazzjoni, tas-Saħħa u ta' l-Iżvilupp flimkien ma' żewġ membri nominati mill-Kap

**"Dak li ta lok għat-twaqqif tal-Bord ta' Inkjesta kien diskors li għamel il-Kap ta' l-Oppożizzjoni."**

## "Il-membri tal-Bord ta' l-Għażla ta' l-Istudenti, minn din l-inkjesta ħarġu mingħajr ebda dell ta' inġustizzja."

ta' l-Oppożizzjoni. Jekk l-Oppożizzjoni ma kinetx taf kif ingħażlu l-membri tal-Bord ta' l-Għażla huwa tort tagħha għaliex naqset li taħtar iż-żewġ membri nominati minnha.

**"Anke din is-sena stidint lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni biex jagħmel dmiru f'dan ir-rigward. Din is-sena mar aktar 'l quddiem u għażel li jwieġeb u qal li ma jħossx li għandu jagħmel dan sakemm il-Gvern ma jemmendax il-Liġi ta' l-Edukazzjoni fis-sens li tridha l-Oppożizzjoni. Ebda Gvern mhu lest li jaċċetta kundizzjonijiet bħal din biex wieħed jaqdi dmiru."**

Il-Prim Ministru kompla jgħid li punt ieħor ta' kritika kien li l-Bord ta' l-Għażla filwaqt li ħa pariri mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni ma ħax pariri mill-Università u mingħand l-Avukat Ġenerali. Il-Prim Ministru qal li l-Bord ħa pariri mingħand l-Università u anke mingħand l-Avukat Ġenerali għalkemm forsi mhux daqskemm xtaq ir-rappreżentant ta' l-Oppożizzjoni.

Huwa żied jgħid li saret referenza wkoll għall-allokazzjoni tal-punti. Il-Prim Ministru qal li l-Bord ta' l-Għażla m'għamel ebda tibdil fis-sistema ħlief fil-mod kif jingħataw punti għall-esperjenza tax-xogħol. Qabel kienet li min ma kienx ikollu esperjenza ta' xogħol waqt l-istudju ma' kienx jingħata punti. Din id-darba ingħataw punti anke jekk l-esperjenza ta' xogħol inkisbet f'xi żmien ieħor.

**Il-Prim Ministru enfasizza li l-Oppożizzjoni trid tgħid jekk taqbilx ma' dan jew le u mhux toqgħod tilgħab mingħajr ma tiddeċiedi, għax b'hekk ma tkunx ġusta.**

Kritika oħra li saret kienet referenza għal rigward ta' kwalifiki akkademiċi u ta' xogħol fis-sens li s-sistema mhux ġusta jew bis-sens. Il-Prim Ministru qal li dan mhux xogħol il-Bord ta' l-Għażla għax dan ma mexiex fuq deċiżjoni ta' Bord ta' Għażla preċedenti, iżda fuq sistema li ntużat dejjem kemm ilu jeżisti dan il-Bord ta' l-Għażla.

Huwa qal li hija kwistjoni ta' opinjoni jekk is-sistema ta' allokazzjoni tagħmilx sens jew hix ġusta. Is-sistema ilha miftehma mit-twaqqif tal-Bord ta' l-Għażla u dak in-nhar kien hemm rappreżentanza mill-FOI, mill-Employers u mill-ġenituri ta' studenti mill-iskejjel privati.

Il-Prim Ministru kompla li intqal li kienet deċiżjoni żbaljata u inġusta min-naħa tal-Bord ta' l-Għażla meta ġie deċiż li setgħu jiġu nominati studenti li kienu impjegati fl-1 ta' Settembru. Il-Prim Ministru qal li bilfors trid tistabbilixxi data u meta tagħmel hekk bilfors tista' tolqot lil xi ħadd. Kulma qalu kien li din id-data kienet riġida għax kien hemm tliet studenti li bdew jaħdmu ġimgħa wara.

Il-Prim Ministru qal li qiegħed jingħad li studenti li ma daħlux din is-sena għandhom ikunu "seeded" għal darb'oħra. Huwa qal li dan jista jfisser li fi Frar li ġej jinżammu barra studenti li jista' jkollhom kwalifiki superjuri għal ta' dawk l-istudenti li qiegħed jintalab li jiġu "seeded".

Huwa qal li lanqas huwa sewwa li tintefa' kritika lill-Bord ta' l-Għażla dwar suġġetti li għandhom jiġu kunsidrati. Kritika bħal din għandha ssir lill-Università.

Il-Prim Ministru qal li l-membri kollha tal-Bord ta' Inkjesta qablu li l-Bord ta' l-Għażla ta' l-Istudenti għandu jalloka punti għal sitt "A Levels" u disa' "O Levels" u mhux kemm il-Bord qal li qiegħed isir bħalissa. Il-Prim Ministru qal li l-Bord ta' l-Inkjesta ħa żball f'dan ir-rigward għaliex in-numru ta' suġġetti li għalihom jiġu allokati punti mil-Bord ta' l-Għażla mhux daqskemm semma' l-Bord ta' Inkjesta.

**Il-Prim Ministru filwaqt li qal li ma jistax jgħid li s-sistema preżenti hija perfetta, iħossu żgur li dak li kienet qed tipproponi l-Oppożizzjoni huwa ferm agħar. Huwa qal li jixtieq jirringrazzja lill-membri tal-Bord ta' Inkjesta għalkemm jiddispjaċih għall-iżbalji kbar u ħoxnin li għamlu u li hu jittama li kienu żbalji ġenwini.**

Il-Prim Ministru temm jgħid li jħoss li għandu jifraħ lil-membri tal-Bord ta' l-Għażla ta' l-Istudenti li minn din l-inkjesta ħarġu mingħajr ebda dell ta' inġustizzja.

Il-Prim Ministru żied jgħid li għalkemm ġiet stabbilita din id-data dawk milquta ħażin xorta kellhom ċans jikkonkorru ma' studenti li kienu qegħdin jiġu sponsorjati, kif fil-fatt għamlu. Għalhekk din kienet kritika inġusta.

Il-Prim Ministru qal li kritika oħra saret dwar l-interpretazzjoni jekk apprendistat għandekx tgħoddu għal finijiet ta' nominazzjoni. Il-Membru ta' l-Oppożizzjoni qal li mhux sewwa li l-apprendistat ma tgħoddux bħala impjieg. Il-Prim Ministru qal li l-liġi hija ċara li apprendist mhux

impjegat normali. B'dak li trid l-Oppożizzjoni aktar tkun qed tagħmel ħsara milli ġid.

**Il-Prim Ministru ċaħad li kien hemm xi 'sponsors' li ġew approvati tard. Huwa qal li mhux veru li ġie aċċettat xi ħadd wara li kien ħareġ ir-riżultat. Kien hemm postijiet li ma mtlewx għaliex ma kienx hemm 'sponsors'. Qabel ħareġ ir-riżultat tfaċċa 'sponsorship' minn korporazzjoni parastatali. Wara li ħareġ ir-riżultat kien mar 'sponsor' li kien lest jisponsorja student partikolari. Il-Prim Ministru qal li dan ma kienx ippermettih għaliex kien joħloq lok ta' abbuż.**

Huwa qal li gie kkritikat ukoll il-mod ta' kif isiru l-'interviews' f'każ li jkun hemm studenti li jkollhom punti indaqs. Il-Prim Ministru qal li hemm diversi metodi x'tuża. Tista' tagħmilha bix-xorti jew inkella billi tagħmel 'interview', li huwa aktar addattat. Fil-fatt il-Bord ta' l-Għażla hekk għamel. Huwa qal li l-Bord ta' l-Għażla kien qiegħed jissuġġerixxi li f'każ bħal dan għandek tagħżel lil dak l-applikant li jkollu l-aktar età peress li dak iżgħar ikollu ċansijiet oħra aktar 'il quddiem.

Kritika oħra żied jgħid il-Prim Ministru, kienet għal mod ta' kif isir trasferiment minn kors għall-ieħor. Il-Prim Ministru qal li b'dak li trid l-Oppożizzjoni jfisser li ċċaqlaq kollox.

Il-Prim Ministru żied jgħid li l-Membru ta' l-Oppożizzjoni ried ukoll li wara sena student seta' japplika għal kors differenti. Il-Prim Ministru qal li b'din is-sistema jiġri li sena wara jiġu vakanti numru ta' postijiet u tkun intilfet sena sħiħa barra mill-fatt li għall-kors magħżul in-numru ta' studenti ġodda jkollu jkun inqas bil-fors peress li numru ta' postijiet ikun ittieħed minn studenti "qodma" li wara sena bidlu l-kors.

## Mistoqsijiet mill-Oppożizzjoni

Għal mistoqsijiet min-naħa ta' l-Oppożizzjoni l-Prim Ministru qal li kien diġa' spjega dwar l-interess personali tal-ġenituri fuq il-Bord ta' l-Għażla ta' l-Istudenti. Huwa qal li jekk il-ġenituri jagħżlu huma stess ir-rappreżentanti tagħhom u juru fiduċja fihom, m'għandux ikun hu li juri sfiduċja f'dawk magħżula.

Dan aktar u aktar meta d-deskrizzjoni tagħhom hija minima u l-allokazzjoni tal-punti hija ħaġa mekkanika. Il-Prim Ministru qal li jista' jsir li l-għoti tal-punti jsir f'lok pubbliku ħalli kulħadd ikun jista' jara.

Dwar il-kompożizzjoni tal-Kumitat, il-Prim Ministru qal li ma jafx x'riedet iżjed l-Oppożizzjoni meta fuq Kumitat ta' ħamsa kien qiegħed ikollha tnejn. Huwa qal li hemm differenza bejn li tieħu parti u tilmenta minn xi ħaġa u l-fatt li ma tieħux parti. Dan mhux raġunar li wieħed għandu jaċċettah.

Meta wieġeb għall-mistoqsija li tirrigwarda l-konsultazzjoni ma' l-Università, il-Prim Ministru qal li din messha tieħu parti attiva u mhux toqgħod titnikker bħalma qed tagħmel fil-każ tal-Fiżika u l-Għarbi, żewġ suġġetti li huma 'compulsory' biex tidħol fis-Sixth Form — ħaġa li l-Università ma għamlitx u b'hekk ħolqot anomalija. Dan barra l-fatt li l-Università għandha żewġ rappreżentanti fuq il-Bord ta' l-Għażla.

Il-Prim Ministru staqsa x'hemm ħażin li intalab parir legali mingħandu bħala Ministru ta' l-Edukazzjoni li nzerta wkoll li huwa avukat?

Dwar l-allokazzjoni tal-punti, il-Prim Ministru qal li dan qiegħed isir fuq kriterju li ilu stabbilit is-snin. L-Oppożizzjoni dan ilha tafu u qatt ma ssuġġeriet xi ħaġa differenti. Jekk tbiddel kull sena s-sistema ta' l-allokazzjoni tal-punti ikun hemm ċans tippreġudika kontra l-istudenti kull sena. Dan żgur li mhux aċċettat.

**Il-Prim Ministru qal li ma jaqbilx ma' l-Oppożizzjoni dwar il-qsim tal-perjodu tax-xogħol. Is-sistema li trid l-Oppożizzjoni hija waħda abużiva li biha daħlu fl-Università nies li ma messhomx daħlu. Lanqas jaqbel li l-apprendist għandu jitqies bħala impjegat għax b'hekk ikun ifisser li l-pupil workers huma kollha impjegati.**

Il-Prim Ministru qal li jekk hemm korsijiet li fihom trid numru limitat, ma tistax tagħti kull faċilità. Huwa qal li jixtieq u jispera li naslu fi żmien meta kull min jidħol l-Università jrid l-ewwel ikun ħaddiem.

Dwar il-Home Economics il-Prim Ministru staqsa jekk ir-rappreżentant ta' l-Università qattx ilmenta. Huwa qal li l-Università qatt ma qalet biex dan is-suġġett ma jiġix kalkulat. Huwa staqsa jekk huwa hekk għaliex l-Università ma tneħħiehx hi? Huwa temm jgħid li l-kritika li saret ma tagħti ebda raġun lill-Oppożizzjoni.

**"Il-kritika li saret ma tagħti ebda raġun lill-Oppożizzjoni."**

# IL-PRIM MINISTRU JILTAQA' MA' SIR DUDLEY SMITH M.P.

## Diskussi r-relazzjonijiet ta' Malta ma' l-Ingilterra, l-Kunsill ta' l-Ewropa u l-Commonwealth.

**Il-Prim Ministru, Dr Karmenu Mifsud Bonnici, nhar il-Ħamis 5 ta' Settembru kellu laqgħa mal-Membru Parlamentari Konservattiv Ingliż, Sir Dudley Smith fil-Berġa ta' Kastilja.**

Sir Dudley Smith, li huwa s-Segretarju tal-European Democratic Union u d-Deputat Chairman tal-Grupp Konservattiv fil-Kunsill ta' l-Ewropa, kien jinsab għal żjara ta' ftit jiem f'Malta akkumpanjat minn Lady Smith, bħala l-mistiedna tal-Gvern Malti.

Matul din il-laqgħa, li kienet waħda kordjali, ġew diskussi r-relazzjonijiet ta' Malta ma' l-Ingilterra, il-Kunsili ta' l-Ewropa u l-Commonwealth kif ukoll suġġetti oħra ta' natura politika.

Għal-laqgħa kien hemm preżenti is-Segretarju Internazzjonali tal-Partit Laburista, is-Sur Leo Brincat M.P., il-Kummissarju Għoli ta' Malta f'Londra, is-Sur Frank Cassar, is-Sur Godwin Pulis mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, u is-Sur Charles Spiteri Shaw, Segretarju Privat tal-Prim Ministru.

Qabel ħalla Malta l-għada l-Ġimgħa 6 ta' Settembru Sir



Il-Prim Ministru Dr Karmenu Mifsud Bonnici waqt il-laqgħa li kellu f'Kastilja ma' Sir Dudley Smith.

Dudley Smith għamel konferenza ta' l-aħbarijiet.

Sir Dudley qal lill-ġurnalisti li din kienet l-ewwel żjara tiegħu f'pajjiżna u kien qed jiddispjaċih li ma kienx ġie qabel. F'Malta huwa sab gżira ħelwa u poplu kalm u dħuli.

Sir Dudley qal li l-għan taż-żjara tiegħu kien li jibni pont bejn Malta u l-Kunsill ta' l-Ewropa. Malta ilha tlett snin ma tibgħat id-delegazzjoni tagħha. Huwa kien iħoss li pajjiżna għandu jerġa jibda jkun membru sħiħ tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

**"Fl-Ewropa intqal ħafna li f' Malta hawn ksur tad-drittijiet tal-bniedem, iżda nista' ngħid li kemm domt hawn ma rajt ebda ħjiel estern ta' ebda għamla ta' ripressjoni. Jien mill-esperjenza personali tgħallimt li ħafna drabi r-rapporti fil-ġurnali jkunu esaġerati. Qaluli wkoll li Malta bdiet ixxaqleb lejn il-pajjiżi Komunisti. Kemm ili hawn dan ma osservajtux. F'Malta jien sibt poplu kalm u dħuli li jħobb id-demokrazija".**

Sir Dudley tkellem ukoll dwar it-taħditiet li kellu mal-Prim Ministru u qal li Dr Mifsud Bonnici qallu li kienet is-xewqa tiegħu li Malta u r-Renju Unit jerġgħu għar-relazzjonijiet tajbin li kellhom qabel u li bejniethom jibnu koperazzjoni li tintwera b'mod konkret.

Sir Dudley stqarr li huwa tal-fehma li fl-Ingilterra hemm ħafna rieda tajba biex ir-relazzjonijiet ma' Malta jkunu tajbin.

Dwar il-**Commonwealth Parliamentary Association**, Sir Dudley qal li huwa konvint li jekk din l-Organizzazzjoni terġa tistabbilixxi kuntatt ma' Malta l-Gvern Malti jkun favur li jerġa jibda jieħu sehem fil-laqgħat ta' din l-Assoċjazzjoni.

Sir Dudley qal li huwa jifhem u jaċċetta li Malta trid li jkollha relazzjonijiet tajbin mal-pajjiżi Għarab.

Dwar is-sitwazzjoni f'Malta huwa wera s-sodisfazzjon kbir li dakinhar stess kien iltaqa l-Kumitat Selettiv, iffurmat minn membri Parlamentari tal-Gvern u l-Oppożizzjoni dwar ir-relazzjonijiet barranin.

Fl-aħħarnett Sir Dudley wiegħed li fl-Ingilterra huwa kien se jkollu taħditiet fil-Foreign Office Ingliż fejn kellu jwassal messaġġ ta' rieda tajba lis-Segretarju ta' l-Istat għall-Affarijiet Barranin.

# IL-LIĠI DWAR L-INDĦIL BARRANI
## Jiltaqa' l-Kumitat Selettiv bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni

Nhar il-Ġimgħa 6 ta' Settembru, il-Kumitat Selettiv li kien inħatar bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni kellu laqgħa preliminari fil-Ministeru tal-Ġustizzja.

Il-ħatra ta' dan il-Kumitat kienet saret f'Lulju li għadda mill-Kamra tad-Deputati wara li kienet ġiet approvata unanimament mozzjoni mressqa għal dan il-għan mill-Prim Ministru l-Avukat Karmenu Mifsud Bonniċi.

Il-Kumitat Selettiv inħatar bil-għan li jifli l-liġijiet dwar l-indħil barrani; biex jiġu mħarsa l-proċess demokratiku; is-sigurta' u l-istabbilita' tal-pajjiż kif ukoll biex jirrakkomanda x'tibdil hu meħtieġ f'dawn il-liġijiet.

Dan il-Kumitat huwa iffurmat mill-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari Dr G. Cassar bħala Chairman, filwaqt li l-membri huma l-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura Dr A. Sceberras Trigona, id-Deputat Laburista Dr Joe Brincat, il-Viċi Kap ta' l-Oppożizzjoni Dr G. Demarco u d-Deputat Nazzjonalista Dr Ugo Mifsud Bonnici.

Minn din l-ewwel laqgħa kien hemm nieqes Dr Alex Sceberras Trigona li kien jinsab imsiefer f'Angola għall-Laqgħa tal-Ministri ta' L'Affarijiet Barranin tal-Pajjiżi mhux Allinejati.

# IL-KONFERENZA MINISTERJALI DWAR IT-TNIĠĠIŻ TAL-BAĦAR MEDITERRAN

## Il-Ministru tas-Saħħa Jindirizza l-Konferenza f'Ġenova



**Il-Ministru tas-Saħħa, it-Tabib Vincent Moran indirizza l-Konferenza Ministerjali tal-pajjiżi li ffirmaw il-Konvenzjoni Dwar it-Tniġġiż fil-Mediterran li fetħet nhar it-Tlieta 10 ta' Settembru f'Genova.**

Fid-diskors tiegħu il-Ministru Moran fakkar kif Malta, sa mill-1971 uriet l-ikbar interess fil-ħarsien mit-tniġġiż tal-baħar Mediterran. Huwa qal li Malta kienet waħda minn ta' l-ewwel li ffirmat il-konvenzjoni ta' Barċellona; irratifikat il-programmi tagħha u għamlet liġijiet skond ma kien meħtieġ mill-konvenzjoni.

**Il-Ministru Moran żied jgħid li huwa ta' sodisfazzjon għall-pajjiżi tal-Mediterran li bejn il-Liġi ta' Qiegħ il-Baħar tal-Ġnus Magħquda u l-liġijiet skond il-konvenzjoni ta' Barċellona li jħarsu l-Mediterran mit-tniġġiż, ma kien hemm l-ebda konflitt.**

Huwa aċċena dwar il-fatt li Malta qed tikkontrolla b'suċċess, il-problema tal-ambjent.

Il-Ministru Moran qal li waħda mill-iktar problemi li l-Gvern Malti kien qed jistħarreġ kienet kif jista' jagħmel użu mit-trab tal-faħam li huwa prodott li jibqa', mħabba li l-boilers tal-power station qed jaħdmu b'dan il-prodott skond il-ħtieġa ekonomika tal-pajjiż.

Il-Ministru Moran informa lil laqgħa dwar ix-xogħol li qed jagħmel iċ-ċentru reġjonali ta' Manoel Island u qal li l-Gvern Malti jixtieq jara li r-responsabilita' tal-ħarsien tal-Mediterran mit-tniġġiż, m'għandhiex tkun fuq spallejn il-pajjiżi tal-Mediterran biss, iżda ta' dawk kollha li jagħmlu użu minn dan il-baħar. Huwa qal ukoll li Malta, b'kollaborazzjoni mal-UNESCO, bdiet tieħu sehem fit-tieni fażi tal-BLUE PLAN. Huwa għadda biex semma il-miżuri leġislattivi li ħa l-Gvern Malti biex iħares l-ambjent, kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar.

Fl-aħħar tad-diskors tiegħu il-Ministru tas-Saħħa u Ambjent awgura wkoll li l-budget tal-UNEP għll-1986/87 iservi biex il-pajjiżi tal-Mediterran ikollhom mhux biss ambjent naturali tajjeb, iżda wkoll ambjent soċjali, 'l bogħod mill-gwaj tal-gwerer, f'atmosfera ta' paċi.

Id-delegazzjoni Maltija ħadet sehem ukoll fil-kumitat tal-konferenza li ser jeżamina fid-dettal il-proġetti u n-nefqa tal-UNEP għas-sentejn li ġejjin.

## Modifikar fuq trakkijiet li jġorru il-faħam

**Trakkijiet ta' l-EneMalta li jġorru l-faħam se ssirilhom modifikazzjoni fil-kaxxa biex il-kurrent ta' l-arja ma jkunx jista' jaħkem il-wiċċ ta' l-irmied. Dan se jibda jseħħ mill-aktar fis possibbli.**

Dan it-tagħrif qalu il-Ministru ta' l-Investimenti Parastatali u tal-Poplu, it-Tabib Philip Muscat meta wieġeb mistoqsija parlamentari tad-Deputat Laburista, is-Sur Leo Brincat, dwar inkonvenjenti li qed jinħolqu mill ġarr ta' faħam f'trakkijiet mikxufa.

Il-Ministru wara li fakkar li diġà qed jittieħdu miżuri biex l-irmied tal-faħam li jinġarr fuq it-trakkijiet jixxarrab, kompla jgħarraf lill-Kamra li dawn it-trakkijiet se jsirilhom modifikazzjonijiet ħalli jkomplu jonqsu dawn l-inkonvenjenti.




# Kampanja Intensiva ta' Tindif Ma Kullimkien

## Il-Pubbliku hemm bżonn juri sens ta' maturita' akbar u jżomm l-indafa

**Il-Health Attendants li għadhom kif ġew impjegati fit-Taqsima ta' l-Ambjent flimkien ma' l-impjegati l-oħra ta' l-istess taqsima qed ikomplu jagħtu dehra isbaħ lil pajjiżna b'tindif ta' diversi toroq.**

Ix-xogħol imwettaq diġà qed jagħti l-frott tiegħu u dan nafuh għal diversi kummenti mill-pubbliku inġenerali. Ħafna kkummentaw li hemm bżonn li l-pubbliku juri sens ta' maturità akbar u jżomm l-indafa.

Oħrajn qalu li hi ħasra li jkun hemm xi individwi li mhux talli ma japprezzawx din il-ħidma imma talli bil-lejl jiżvogaw l-għemil vandalu tagħhom, billi jwaddbu kull xorta ta' żibel u imbarazz goff, f'ċerti postijiet li għadhom kif ġew imnaddfa.

L-iskop ewlieni ta' dawn it-talin hu ċar biżżejjed, jiġifieri li joskuraw u jagħmlu ħsara lill-Gvern fin-nuqqas ta' ndafa fil-pajjiż.

**It-Taqsima ta' l-Ambjent tal-Ministeru tas-Saħħa qed tkompli u se tkompli għal quddiem b'din il-kampanja ta' tindif u fl-istess ħin twissi li passi drastiċi jittieħdu kontra dawk li jinqabdu jħammġu. Sadanittant l-istess Taqsima ta' l-Ambjent tiċħad li l-Health Attendants il-ġodda ma humiex jingħataw għodda adekwata ta' tindif.**

Gafef u trakkijiet, flimkien ma' għodda oħra qed jintużaw kuljum biex jinġabar kull xorta ta' żibel li ma hux possibbli li jinġabar bl-idejn.

**L-istess taqsima tfakkar lill-pubbliku li kull min ikollu bżonn l-għajnuna jew xi tagħrif fuq l-indafa għandu jċempel fuq in-numru 26977 u 24167.**

**Barra minn hekk min ikollu xi mbarazz jista' jagħmel użu mis-servizz b'xejn ta' ġbir mid-djar ta' mbarazz goff billi jċempel fuq in-numru 27777.**

It-taqsima Ambjent tfakkar li l-indafa hija s-Saħħa għalhekk għandna nżommu pajjiżna nadif.



**Gafef u trakkijiet, flimkien ma għodda oħra qed jintużaw kuljum biex jinġabar kull xorta ta' żibel li ma hux possibbli li jinġabar bl-idejn.**

# IL-MINISTRU TAL-BIEDJA U SAJD DWAR L-INDUSTRIJA TAL-MAJJAL

**Fi tweġiba għal diskors li l-Ministru Tal-Biedja u Sajd, is-Sur Joe Debono Grech għamel ġewwa Għawdex nhar il-15 ta' Awissu 1985, il-Perit Lawrence Gatt raqqa l-pannu bil-qara' aħmar għal dak li kien qal qabel f'konferenza ta' l-aħbarijiet dwar l-industrija tal-majjal f'dawn il-gżejjer.**

Il-Perit Gatt sewwa dak li tefa' għal saqajh fl-10 t'Awissu, iċċara ruħu u lagħab kemm felah bil-figuri biex mingħalih jiġġustifika dak li qal aktar kmieni.

Il-Ministru Debono Grech fid-diskors tiegħu ġewwa Għawdex sfida lill-Perit Gatt jgħid fejn qegħdin it-**3,600 majjal żejda** li skond il-Perit **tqassmu** fl-irziezet meta l-Gvern ippjana li jkun hawn 6,000 majala biss fl-irziezet.

Il-Perit Gatt qal, nhar l-10 t'Awissu: "**TQASSMU** majjaliet fl-irziezet iżjed milli suppost. Meta suppost kellhom jitqassmu 6,000 majjaliet fl-irziezet tal-produtturi Maltin u Għawdxin ħarġu permessi għal madwar 9,600 majjaliet." Il-Perit Gatt hawn wera' li ma jafx id-differenza bejn tqassim ta' majjali u ħruġ ta' permessi. Il-Perit Gatt jmissu jaf li l-ħruġ ta' permess kien marbut mal-**kapaċita totali** (jiġifieri kemm **jista'** jesgħa majjaliet ir-razzett) waqt li it- tqassim attwali ta' majjaliet kien u għadu marbut mal-ħtiġiet tas-suq. Kien għalhekk li tqassmu ftit aktar minn 6,200 majjali biss **minkejja** il-ħruġ ta' 9,600 permess. Bis-6,200 majjala li tqassmu stajna nlaħħqu mad-domanda għall-majjal frisk, għall-majjal għal-ipproċessar f'bacon (li kien ilu jsir f'Malta) u għall-majjal għall-ipproċessar f'perżut (żvilupp ġdid) li fi żmien ta' inqas min sena ikkontribwixxa biex kważi nofs il-ħtiġijiet tagħna ta' perżut bdew jinħadmu Malta minnflok jiġu mportati.

Kieku ma kienx hemm ippjanar serju, ma kienx jista' jsir dan.

Fl-istess waqt, iżda, il-produtturi li kienu l-pijunieri biex reġgħu jrabbu l-majjal wara' l-African Swine Fever huma assigurati li jekk ikompli jkun hemm żvilupp fl-industrija tal-ipproċessar u għalhekk ikun hemm il-ħtieġa ta' aktar majjaliet minn 6,200, din iż-żjieda joħduha huma (u mhux xi bażużlu jew wieħed tal-qalba) għax hemm permessi maħruġa **lilhom** sa' 9,600.

Minn-naħa l-oħra l-ishma li l-produtturi tal-majjal ħallsu fil-Comino Pig Development Co. Ltd. kienu intiżi biex l-ewwelnett din il-kumpanija tipproduċi majjaliet tar-razez l-aktar tajbin u li jipproduċu laħam addattat għas-suq lokali kif kien meħtieġ minn dawk l-istess produtturi u t-tieni biex il-produtturi nfushom ikollhom sehem fit-tmexxija ta' din il-kumpanija li tant swiet ta' ġid u utilita fil-bini mill- ġdid ta' din l-industrija. Il-Perit Gatt semma l-Lm5 f'ishma mill-produtturi iżda ma semmiex l-għajnuna finanzjarja li ngħatat kemm fil-bini ta' l-irziezet kif ukoll fix-xiri tal-majjaliet.

**Issa niġu għal logħob bil-figuri mill-Perit Gatt. Huwa wasal għall-konklużjoni li la l-kwota hija ta' 1,600 fil-ġimgħa (ibbażata fuq 12 kull majjala fis-sena) mela allura hawn 7,000 majjal u mhux kif qal il-Ministru Debono Grech 6,200.**



**Il-Perit Gatt imissu jaf — għax min qed jagħtih l-informazzjoni kellu sehem fuq kif inħadmet il-kwota — li l-kwota nħadmet billi ttieħdet medja ta' 80% TAL-KAPAĊITA tal-farms (il-famużi 9,600) kif iddikjarat mit-Tobba veterinarji barranin u kemm kien hemm majjaliet fil-farms meta għamlu ċ-ċensiment l-esperti Kubani.**

Il-Perit Gatt imissu jammetti li huwa ta' sodisfazzjon kbir li f'inqas minn sena rnexxielna inwaqqgħu l-importazzjoni tal-perżut b'aktar minn nofs. Ta min jgħid li l-produzzjoni tal-perżut lokali bdiet f'Settembru 1984 u s'issa gie prodott 840 tunnellata perżut minn majjal imkabbar lokalment.

Dan ifisser li madwar 20,000 majjal (minn Settembru 1984 sa' Awissu 1985) ġew ipproċessati f'perżut minn qatla ta' madwar 90,000 majjal. Jgħidilna il-Perit Gatt x'kien isir kieku l-Gvern ma kienx qiegħed jipprogramma fit-tul.

Tajjeb li l-Perit Gatt ikun jaf li l-importazzjoni ta' perżut f'dawn l-aħħar 12 il-xahar naqset għall-475 tunnellata (imqabbla ma' produzzjoni lokali ta' 840 tunnellata).

**Kieku ma kienx hemm ippjanar serju u fit-tul, kieku ma kienx ikun hemm biżżejjed majjal lokali biex jinħadem f'perżut u l-industrija tal-majjal kienet tibqa' statika u fl-istess pożizzjoni ta' qabel il-mard b'detriment ta' l-istess produtturi u ta' impieg fis-settur tal-ipproċessar.**

Ta' min ifakkar lill-Perit Gatt li, fil-bidu ta' din is-sena, meta l-Gvern beda jieħu ħsieb biex jikkontrolla l-importazzjoni tal-perżut, kelliema u gazzetti tal-Partit Nazzjonalista kienu minn ta' l-ewwel li ħarġu jikkritikaw li kien hawn nuqqas ta' perżut għall-konsumatur.

Il-Perit Gatt ipprova jqarraq ukoll meta reġa semma l-biċċerija. Apparti li bela' dak kollu li qal li l-possibilita' ta' esportazzjoni lejn il-pajjiżi tal-Komunita' Ekonomika Ewropea qed tinqered minħabba l-istat tal-biċċerija, issa għax il-Ministru Debono Grech qal li s-suq Taljan huwa miftuħ għall-esportazzjoni, il-Perit Gatt qed jallega li dan seħħ għax qarraqna b'delegazzjoni Taljana meta "saru ċerti xogħlijiet ta' malajr biex nimpressjonawhom. Imbagħad erġajna kif konna qabel kif telqet id-delegazzjoni....".

L-ewwelnett id-delegazzjoni li qiegħed jirreferi għaliha ma kienetx Taljana iżda mill-E.E.C. It-tieni, l-Perit Gatt imissu jaf li fil-Biċċerija tagħna għad hemm jaħdmu żewġ Veterinarji Taljani. Il-Perit Gatt imissu jaf li bejn Malta u l-Italja ilu jeżisti ftehim veterinarju għal bosta snin, li bis-saħħa tiegħu tista' ssir esportazzjoni lejn l-Italja u li l-esportazzjoni lejn l-Italja ma kellha x'taqsam xejn maż-żjara tad-delegazzjoni "Taljana" (EEC). Il-Perit Gatt temm l-istqarrija tiegħu billi tkellem fuq il-Farm ta' Kemmuna. Fl-ewwel Konferenza Stampa qal li Kemmuna qed tagħmel telf. Fid-diskors tiegħu l-Ministru Debono Grech fisser li dak li l-Perit Gatt kien qed jara bħala telf, fil-fatt kien investiment fl-industrija. Milli jidher il-Perit Gatt ikkonvinċa ruħu għax issa qed jgħid li Kemmuna għolliet il-Prezz tal-majjal min 80c għal Lm1 il-kilo. Dan hu prezz tas-suq. Għalfejn skanta l-Perit Gatt?



**L-indafa u s-serjetà li hemm illum fil-Biċċerija l-ġdida mibnija minn Gvern Soċjalista.**

**U l-prezz lanqas hu eżatt kif fisser hu. Il-prezz veru żdied fuq l-ewwel 25 kilo iżda min-naħa l-oħra naqas għal piż ta' aktar minn 25 kilo.**

Is-sistema qegħda li billi min għandu l-majjaliet ma jistax jixtri qżieqeż tal-ftama mingħand produtturi oħra, biex ma jinxteridx mard, dawk il-produtturi li għal raġuni jew oħra ma jilħqux il-kwota tagħhom jistgħu jixtru minn Kemmuna. U dawn, żgur li kapaċi jħallsu l-prezz il-ġdid.

**B'dawn l-argumenti nittamaw li dawwalna kemmxejn it-triq tal-Perit Gatt u urejnieh kif għandu jħares lejn l-industrija tal-majjal biex jibda jifhem kif imorru l-affarijiet għall-ġid tal produttur u tal-pajjiż.**

Il-Konferenzi u l-istqarrijiet għandhom ikunu msejjsa fuq il-verita' u l-argumenti sodi. L-ebda tgħajjira, ngann jew nofs verita mhi se tagħmel ġid, għalkemm issa drajniehom.

Dawn ta' fuq huma l-fatti li l-kumitat tal-Koperattiva tal-Produtturi tal-Majjal, kif ukoll l-industrijalisti li jipproċessaw il-majjal jafu tajjeb minnħabba l-laqgħat li jsiru fil-Ministeru tal-Biedja kull ġimgħa bejn is-setturi kollha kkonċernati. Għalhekk, żgur li m'hemmx lok għall-ingann minn-naħa tal-Ministeru kif allega l-Perit Gatt.

# Inizjattiva Ġdida mil-Libyan Arab Holding Co. Ltd

**Il-Kumpanija Libyan Arab Maltese Holing Co. Ltd għandha kapital lest biex tinvestieh flimkien ma' industrijalisti żgħar Maltin li jixtiequ jkabbru l-intrapriżi tagħhom jew li jixtiequ jibdew proġetti ġodda.**

Għal dan il-għan nhar il-Ġimgħa 16 ta' Awissu saret laqgħa għal industrijalisti individwali, kumpaniji u organizzazzjonijiet li jkunu interessati f'din l-inizjattiva ġdida min-naħa tal-kumpanija Maltija/Libjana.

Waqt din il-laqgħa tħabbar li kienet twaqqfet kumpanija ġdida, l-Mediterranean Trading and Technical Services Ltd skond il-ftehim ta' koperazzjoni bejn Malta u l-Ġemaħerija Libjana. Din il-kumpanija għandha l-għan li tħaffef il-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi.

L-ishma ta' din il- kumpanija se jkunu 50% tal-kumpanija Maltija/Libjana; 25% tal-Korporazzjoni Maltija ta' l-Iżvilupp u 25% tal-Libyan Arab Foreign Investment Company (LAFICO).

Il-kelliema ewlenin kienu Dr Patrick Holland, il-Managing Director, u s-Sur Rajab Sheglabi, Deputat General Manager. Huma fissru lill-industrijalisti li matul l-għaxar snin li għaddew il-kumpanija waqqfet diversi proġetti bi sħab bejn kumpaniji barranin u s-setturi pubbliċi taż-żewġ pajjiżi. Fosthom hemm Rotos Zirayia, Mediterranean Power Electric, Mediterranean Aviation u kumpaniji kbar oħra.

**Issa l-kumpanija trid tkattar proġetti żgħar u medji li jipproduċu oġġetti għall-kunsumatur għas-suq Malti, is-Suq Libjan u anke swieq oħra.**

Dr Holland u s-Sur Sheglabi fissru li l-Holding Company hija lesta tidħol f'dawn il-proġetti jekk ikunu vijabbli. Il-kumpanija lesta tieħu anke l-maġġoranza ta' l-ishma f'dawn il-proġetti, li jistgħu jkunu proġetti ġodda jew estensjonijiet ta' industriji eżistenti.

**Il-kumpanija Libyan Arab Maltese Co. Ltd kienet twaqqfet f'Novembru ta' i-1975 bi ftehim bejn il-Gvern Malti u l-Ġemaħerija Għarbija Libjana bil-għan li twaqqaf proġetti fl-oqsma finanzjarji, industrijali, kummerċjali, turistiċi u tas-sajd. L-ishma kienu 51% Libjani u 49% Maltin.**

Fl-1981 l-Ishma Libjani għaddew għand il-kumpanija totalment Libjana LAFICO, kumpanija li hija responsabbli għal investiment Libjan barra mill-pajjiż.

Il-kumpanija Libyan Arab Maltese Holding Co. Ltd bdiet b'Share Capitali ta' Lm2 miljuni. Minħabba l-espansjoni u l-prospetti tajbin dan il-kapital tela' għal Lm20 miljun, li 60% minnu tħallas diġà.



**L-ikbar investiment li għandha l-Kumpanija f'Malta huwa fil-Malta Shipbuilding Co. li jammonta għal Lm6 miljuni.**

Sal-lum il-kumpanija Maltija/Libjana investiet flimkien mas-settur pubbliku u ma' kumpaniji kbar barranin li kienu interessati li jwaqqfu jew joperaw minn Malta proġetti bil-għan ta' esportazzjoni. Il-kumpanija għandha "joint ventures" mal-Korporazzjoni Maltija ta' l-Iżvilupp, L-Air Malta, il-Libyan Arab Foreign Investment Co. u l-Algerian Development Bank. Għandha "joint venture" ukoll ma kumpaniji kbar barranin bħalma huma l-G.E.C. u Hawker Siddley Group ta' l-Ingilterra; u Rotos Pompe ta' l-Italja.

**L-akbar investiment li għandha l-kumpanija f'Malta huwa fil-Malta Shipbuilding Co. li fiha għandha nvestiti Lm6 miljuni, li jfissru 30% ta' l-Ishma tal-Malta Shipbuilding.**

Investimenti oħra huma fir-Rotos Zirayia (22.5%); fil-Medelec Switchgear Ltd. (34%); fil-Mediterranean Power Electric Co. Ltd. (34%); fil-Plastic Processing Co. Ltd. (81%); u fil-Mediterranean Aviation Co. Ltd. (25%) u fil-Metalfond (15%). Bejniethom dawn il-kumpaniji jħaddmu madwar 1,100 ruħ.

Industrijalisti Maltin jistgħu japplikaw billi jiktbu lil P.O. Box 399, Valletta.

Preżenti għal-laqgħa kien hemm is-Sur Leo Brincat MP, Direttur, is-Sur M. El Bauzzi, Direttur, is-Sur M. El Arnauti, manager ta' l-uffiċċju tal-kumpanija fi Tripli u s-Sur Francis Sceberras, kontrollur finanzjarju u segretarju tal-kumpanija.

## Ser Jitjiebu l-opportunitajiet għall-esportaturi Maltin

# Titjiriet għall-Merkanzija mill-Air Malta

Mis-6 ta' Ottubru 1985, l-Air-Malta se tibda toffri titjira fil-ġimgħa bejn Malta u Londra u lura fuq bażi regolari għall-ġarr tal-merkanzija biss. Din se tkun l-ewwel darba f'ħafna snin li l-esportaturi Maltin se jingħataw dan is-servizz.

Is-servizz se jitħaddem b'ajruplan Boeing 707-320C mikri mingħand il-kunpanija Ingliża Tradewinds Airways, li ngħatat il-kuntratt wara negozjati twal magħha u ma' kumpaniji oħra.

L-ajruplan B707-320C jista' jġorr tagħbija ta' 40 tunnellata mqassma fil-kabina ewlenija u taħtha. Il-maġġuranza tat-tagħbija tinġarr fil-kabina fuq 13-il paletta li kull waħda minnhom għandha daqs ta' 125 bi 88 pulzier.

Kelliemi għall-AirMalta qal li b'dan is-servizz ġdid, l-AirMalta trid li ttejjeb l-opportunitajiet għal esportaturi Maltin li jwasslu l-prodotti tagħhom fis-suq Ingliż bla dewmien, b'iżjed sigurta', u bi prezz kompetitiv. Dan jgħodd kemm għal min għandu konsenji zgħar kif ukoll għall dawk li jesportaw bi kwantita', speċjalment għal min jesporta fjuri jew ħxejjex friski.




**Il-Boeing 707 — 320C f'Hal luqa.**

Se jkun hemm ukoll titjib fis-servizz lill-importaturi u industriji li jimportaw materja prima. Il-B707 jista' jġorr konsenji ta' makkinarju kbir, kimiċi perikolużi, u saħansitra bhejjem (sa 36 żiemel).

Titjib ieħor li se toffri l-AirMalta hu li l-merkanzija tista' tibqa' sejra lil hemm minn Londra, lejn ngħidu aħna New York, fuq l-istess paletti mingħajr il-bżonn li tinħatt f'Londra. L-istess jgħodd lejn Malta.

Għalkemm is-servizz se jkun lejn u minn Gatwick, l-AirMalta għamlet arranġamenti biex il-merkanzija titwassal bi trakkijiet sa l-ajruport ta' Heathrow.

Is-servizz ta' l-AirMalta se jitħaddem bl-għajnuna ta' l-Airline Agencies, l-aġenti ta' l-AirMalta għall-merkanzija fir-Renju Unit.

Kelliemi għall-AirMalta qal li l-kumpanija se ttejjeb il-faċilitajiet fl-ajruport ta' Hal Luqa permezz tal-ftuh ta' mħażen ġodda li se jkunu dedikati biss għall-merkanzija li tivvjaġġa fuq l-B707.

# ĊENSIMENT 1985

**L-aħħar ċensiment tal-popolazzjoni ta' Malta u Għawdex sar f'Novembru ta' l-1967 u ċensiment ieħor ser isir f'Novembru ta' din is-sena. L-għan ewlieni hu li jinġabar tagħrif dwar in-numru ta' nies li jgħixu f'Malta, dwar il-familja u l-livell ta' l-għixien tal-Poplu Malti.**

## TAGHRIF DWAR IĊ-ĊENSIMENT

**1. X'inhu ċ-Ċensiment?**

Iċ-Ċensiment huwa stħarriġ li permezz tiegħu wieħed isir jaf dwar kemm nies joqogħdu fil-pajjiż u b'mod partikulari dwar il-qagħda soċjali tal-familja li hija s-sinsla ta' kull nazzjon.

**2. Fuqiex ser isir dan l-istħarriġ?**

Dan l-istħarriġ ser isir dwar żewġ aspetti ewlenin tal-ħajja Maltija. Barra l-għadd tal-popolazzjoni, ser isir ukoll studju dwar id-djar u l-kumditajiet li fihom.

**3. Għalfejn isir iċ-Ċensiment?**

Hafna jaħsbu li ċ-Ċensiment isir biex ikun magħruf in-numru tan-nies biss. Fil-fatt, miċ-Ċensiment jittieħed ħafna tagħrif ieħor importanti li għandu x'jaqsam mal-ħajja ekonomika u soċjali tal-pajjiż. Permezz taċ-Ċensiment, il-Gvern ikollu stampa ċara ta' kemm hawn nies, ta' liema età, x'edukazzjoni għandhom, f'liema nħawi ta' Malta hemm joqogħdu l-aktar nies, kemm nies jaqogħdu waħedhom, il-kundizzjoni tad-dar fejn wieħed joqgħod, u tagħrif ieħor bħal dan. B'hekk il-Gvern ikun f'pożizzjoni aħjar biex jippjana tajjeb l-ispiża tiegħu għal dak li għandu x'jaqsam ma' bini ta' djar u ta' toroq, twassil ta' ilma, dawl u drenaġġ, servizz soċjali — per eżempju Children's Allowance u pensjoni tax-xjuħ — servizzi tas-saħħa u affarijiet oħra bħal dawn.

Kif wieħed jista' jara, iċ-ċensiment isir għall-benefiċċju tan-nies stess. Għalhekk huwa importanti ħafna li kulħadd jikkopera billi jwieġeb il-mistoqsijiet mill-aħjar li jista'.

**4. X'nistaqsu fiċ-Ċensiment? Għalfejn?**

L-ewwelnett, u mportanti ħafna, it-tweġibiet iridu jkunu dwar min fis-16 ta' Novembru 1985 ikun joqgħod f'dik id-dar fejn timtela l-formola.

Xi mistoqsijiet jirrigwardaw il-membri kollha tal-familja, bħal, ngħidu aħna, jekk humiex miżżewġin jew le, inkella humiex romol, meta twieldu, il-livell ta' edukazzjoni milħuq, jiġifieri jekk kenux jattendu l-iskola primarja, sekondarja, tas-snajja', il-polytechnic, jew l-Università, jekk humiex impjegati jew le. Ikun hemm ukoll mistoqsijiet dwar id-dar f'dak li għandu x'jaqsam ma' bini, per eżempju kemm hemm kmamar tas-sodda. Nistaqsu wkoll jekk il-familja kenitx toqgħod fl-istess dar fl-1975 — għaxar snin ilu — u jekk titħallasx kera jew le.

Ta' interess ġenerali jkun tagħrif dwar il-kumdità tad-djar — kemm dak li hu spazju kif ukoll ħwejjeġ oħra bħal ngħidu aħna, fridge, cooker, washing machine, telephone, T.V. Minn dan wieħed ikollu indikazzjoni dwar il-livell ta' l-għixien tal-Maltin.

Mistoqsijiet oħra huma aktar ġenerali bħall-paga jew il-qligħ tal-kap tal-familja u tal-mara tiegħu (jekk din taħdem), dak taż-żwieġ u n-numru ta' tfal.

**5. Meta wieħed iwieġeb għal dawn il-mistoqsijiet, kif se jkun jaf li ma jkunx qed jikxef għawaru ma' kulħadd?**

It-tweġibiet li inti tagħti jiġu trasferiti fil-'computer' bħala numri biss. L-ismijiet ma jidhru mkien, u qatt. Barra minn hekk, dawk li jiġu fid-djar biex jagħmlu l-mistoqsijiet, huma marbutin bil-liġi u bil-ġurament, biex ma jkunu jistgħu jagħtu informazzjoni lil ħadd. L-ismijiet jitolbuhomkom biss biex ikunu jafu li marru għand kulħadd. Ebda informazzjoni ta' natura personali ma tista' tingħata lil xi Dipartiment tal-Gvern jew Għaqda privata oħra. Hemm pieni ħorox u anke ħabs f'każ li wieħed jinqabad jikser il-ġurament taċ-Ċensiment.

**6. Kif inkun naf li min jiġi għandi jistaqsini, huwa tabilħaqq inkarigat mill-Gvern biex jagħmel dan?**

L-ewwelnett għandek tkun taf li se nagħżlu nies li jkunu kapaċi jagħmlu xogħlhom sewwa, u ta' l-affari tagħhom. Barra minn hekk, l-Uffiċċju taċ-Ċensiment se jagħmel Karta ta' Identità li jkun fiha r-ritratt ta' l-Uffiċjal li jkun inkarigat jiġi f'darek u jagħmillek l-mistoqsijiet. Int għandek dritt li tistaqsih għaliha u hu fid-dmir li jurihielek.

**7. Meta ser ikunu l-ġranet taċ-Ċensiment?**

L-enumeratur irid iżur kull familja darbtejn. L-ewwel darba bejn is-sitta u għoxrin ta' Ottubru u s-sittax ta' Novembru 1985; ġeneralment f'dawn il-ħinijiet:

| | |
|---|---|
| Mit-Tnejn sal-Ġimgħa | bejn l-4.00 p.m. u t-8.00 p.m. |
| Nhar ta' Sibt | bejn it-8.30 a.m. u n-12.30 p.m.<br>u bejn l-4.00 p.m. u t-8.00 p.m. |
| Nhar ta' Ħadd | bejn d-9.00 a.m. u n-12.30 p.m. |

It-tieni darba, u din tkun żjara qasira ħafna, immedjatament wara s-sittax ta' Novembru.

Huwa importanti ħafna li tieħdu ftit paċenzja f'dawn il-ġranet li jkun hemm xi ħadd id-dar f'dawn il-ħinijiet li jkun jista' jagħti l-informazzjoni mitluba — kemm biex l-enumeratur ma jsibhiex diffiċli ħafna biex jagħmel xogħlu sewwa u kemm għall-konvenjenza tagħkom stess. Wieħed irid jiftakar li l-enumeratur ikollu mijiet ta' djar fejn imur f'dawk il-ġranet. It-tieni żjara ssir biex l-enumeratur jara jkunx sar xi tibdil minn meta jkun ġie jistaqsikom sas-16 ta' Novembru 1985.

L-enumeratur jista' jiġi anke fil-għodu f'xi ġurnata bejn is-26 ta' Ottubru u s-16 ta' Novembru 1985, iżda jekk ma jsib lil ħadd id-dar ma jkun ġara xejn. Hu jerġa' jiġi ġurnata oħra fil-ħinijiet ta' hawn fuq.

**8. Hemm bżonn xi dokumenti x'nuru?**

Ma hemm bżonn ta' ebda dokumenti. Iżda min jagħti t-tagħrif, hu obbligat b'liġi li jagħti t-tagħrif kollu u sewwa.

**9. Hemm bżonn li l-membri kollha tal-familja jkunu preżenti meta jiġi l-enumeratur?**

Le, m'hemmx għalfejn. L-importanti hu li meta jiġi l-enumeratur isib lil xi ħadd responsabbli d-dar, li jkun kapaċi jwieġeb għall-mistoqsijiet, jew li jkollu karta lesta bid-dettalji meħtieġa biex l-enumeratur ikun jista' jimla l-formola sewwa bla ma jkollu jerġa' jiġi jtellifkom il-ħin.

**10. Ikun hemm xi diffikultà biex wieħed iwieġeb xi mistoqsijiet?**

Il-mistoqsijiet huma magħmulin b'tali mod li jistgħu jiġu mwieġba malajr basta wieħed ikun ippreparа l-informazzjoni kollha. Mir-risposti li wieħed jagħti jinġabar tagħrif meħtieġ għal ippjanar aħjar tal-ħajja ekonomika u soċjali tal-pajjiż. Għalhekk kulħadd hu fid-dmir li jwieġeb għal kull mistoqsija li tidher fil-formola.

Il-mistoqsijiet li jsiru huma dwar:

(i) L-ismijiet tal-familja.
(ii) L-etajiet.
(iii) Jekk humiex miżżewġa separati jew romol.
(iv) Min minnhom jaħdem u x'jagħmel.
(v) Il-paga tal-kap tal-familja u tal-mara tiegħu biss (jekk din tkun taħdem).
(vi) Il-livell ta' edukazzjoni ta' dawk li għalqu l-ħames snin.
(vii) Is-sena taż-żwieġ, u kemm għandkom tfal.
(viii) Nazzjonalità, u
(ix) Kemm familji joqogħdu fl-istess dar.

u dwar id-Djar:

(i) Id-daqs tad-dar.
(ii) Il-kumditajiet li fiha, u
(iii) Jekk bdiltx id-dar tul l-aħħar għaxar snin.

**11. Nista' nieħu ħsieb biex nimla l-kwestjonarju jien?**

Iva; jekk jidhirlek li tista' tagħmel dan. Kull ma għandek tagħmel hu li tiftiehem ma' l-enumeratur u jħallilek Form 'B' li fiha trid tniżżel dettalji dwar il-familja tiegħek.

**12. X'nista' nagħmel jekk ikolli bżonn aktar tagħrif dwar iċ-Ċensiment?**

Haġa faċli. Jekk trid tista' tasal wasla sa l-Uffiċċju ta' l-Istatistika, Auberge d'Italie, Triq il-Merkanti, il-Belt jew inkella ċempel fl-istess Uffiċċju fuq in-numri 24519 jew 24675 u tingħata t-tagħrif kollu li tixtieq.

# IL-ĠLIEDA GĦALL-ĦELSIEN

7

(l-aħħar parti)

Mintoff saħaq li l-ħelsien kellu jinkiseb mhux biss bl-għoti ta' l-indipendenza, iżda billi jitwettaq il-ħelsien tal-ħsieb fil-mentalità tal-poplu. L-ewwel pass għal dan il-għan kellu jkun id-distinzjoni ċara bejn il-Knisja u l-Istat f'dak li huma setgħat u dmirijiet tagħhom. L-Istat kellu jkun aktar miftum mit-tifsila ta' l-imgħoddi, fejn xi privileġġi tal-Knisja kienu jirfsu d-drittijiet taċ-ċittadin; f'Malta ma kellux ikun hawn monopolju ta' xi reliġjon u kull ċittadin kellu jkun ħieles li jħaddan liema twemmin reliġjuż irid. Kellu jidħol ukoll iż-żwieġ ċivili u ċ-ċensura kellha ssir mill-Istat u mhux mill-Knisja. Il-ġenituri kellu jkollhom id-dritt li jagħżlu liema reliġjon kellhom jitgħallmu fl-iskejjel uliedhom.

Fuq kollox Mintoff saħaq fuq il-ħtieġa li biex l-elezzjonijiet fil-pajjiż ikunu tassew ħielsa kellha ssir il-liġi tal-**Corrupt Practices** li tipprojbixxi abbużi kontra l-proċess demokratiku fosthom l-indħil reliġjuż fil-politika.

Mabel Strickland sostniet li Malta kienet ħadet benefiċċji kbar permezz tal-kuntatt li kellha ma' l-Ingilterra għal ħafna snin u għalhekk ma kienx għaqli min xtaq l-indipendenza. Hija qalet ukoll illi anki jekk wieħed kien jaqbel li Malta tikseb l-indipendenza Malta ma setgħet qatt tieħu r-riedni f'idejha daqshekk malajr. Il-partiti l-oħra sostnew li Borg Olivier ma kienx ingħata l-mandat mill-poplu biex iġib l-indipendenza imma li kienu ngħaqdu kollha flimkien biex jeħilsu lil Malta mit-theddid għar-reliġjon Kattolika.

## IL-KOSTITUZZJONI TA' L-INDIPENDENZA

Fl-1963 saret Konferenza Kostituzzjonali f'Londra fejn rappreżentanti tal-partiti politiċi Maltin ġew mistiedna jagħtu l-fehmiet tagħhom dwar l-għamla tal-kostituzzjoni ta' Malta indipendenti. L-għamla ta' din il-kostituzzjoni kellha tkun marbuta ma' trattat finanzjarju u ta' difiża, li l-Gvern Ingliż ried li jagħmel ma' Malta. Skond dan it-trattat li ried il-Gvern Ingliż, il-forzi Ingliżi mhux biss kellhom id-dritt jibqgħu Malta wara l-indipendenza, iżda ħafna qatgħat minn Malta, fosthom l-ajruport u l-port, kellhom jibqgħu mmexxijin mill-Ingliżi u f'każ ta'-gwerra jagħmlu użu sħiħ minn Malta. Mintoff sostna li dan ma kienx ftehim xieraq għal pajjiż indipendenti u li l-għajnuna finanzjarja li kien qed joffri l-Gvern Ingliż kienet miżerja. Is-Segretarju ta' l-Istat għall-Kolonji, Duncan Sandys, anki offra lil Mintoff li jekk jaqbel ma' dan il-ftehim kien idaħħal il-**Corrupt Practices Act** u jaċċetta li jsiru elezzjonijiet mill-ġdid — offerta li Mintoff lanqas biss ikkonsidra.

Fl-1 ta' Awissu, 1963, il-Gvern Ingliż ħabbar li Malta kellha ssir indipendenti mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju, 1964. Wara aktar taħditiet f'Londra u Malta, ġiet ippreżentata kostituzzjoni fuq il-linji li kien ippropona l-Gvern Nazzjonalista. Fit-2, 3 u 4 ta' Mejju 1964 il-poplu ġie mistoqsi jivvota f'Referendum jekk jaqbilx jew le ma' din l-għamla ta' indipendenza. Fir-Referendum, il-Partit Laburista ħeġġeġ lill-votanti biex jivvutaw "le" għal din l-indipendenza marbuta mal-kundizzjonijiet li ried il-Gvern Ingliż. Il-Knisja tat direttiva lill-fidili biex jivvutaw "iva". 54.5% tal-voti (40.3% ta' l-elettorat) kienu favur l-indipendenza kif riedha Borg Olivier.

Permezz ta' l-Att tal-Parlament Ingliż, Malta ngħatat l-Indipendenza fil-21 ta' Settembru, 1964. Skond Trattat ta' Difiża ffirmat dak inhar, il-forzi Ingliżi kellhom id-dritt li jibqgħu Malta fuq il-kundizzjonijiet li għadna kif semmejna. Skond trattat finanzjarju, l-Ingilterra ntrabtet li tagħti lil Malta għal għaxar snin għajnuna kapitali f'forma ta' għotjiet u self għal diversifikazzjoni ta' l-ekonomija u għajnuna għall-emigrazzjoni, li tlaħħaq £50 miljun, li kwart minnhom kienu self bl-imgħax. Filwaqt li Malta kisbet id-drittijiet ta' pajjiż awtonomu għall-finijiet internazzjonali pubbliku, inżammu xi rabtiet kostituzzjonali ma' l-Ingilterra. Fost dawn kien hemm li Malta kellha tkun stat monarkiku, bir-Reġina Elizabetta II bħala l-Kap ta' l-Istat Malti. Il-Gvernatur li kien jirrappreżenta lir-Reġina f'Malta, issa beda jissejjaħ Gvernatur Ġenerali. Fis-snin ta' wara, is-snin sittin, Malta ħaddnet politika kompletament favur il-Punent, tant li twaqqaf hawnhekk il-Headquarters tan-NATO għar-reġjun tal-Mediterran.

## 'DNUB MEJJET' U FTEHIM MAL-KNISJA

Sentejn wara l-għoti tal-Kostituzzjoni ta' l-Indipendenza, f'Marzu ta' l-1966 saret l-elezzjoni ġenerali. Peress li ebda klawsola fil-Kostituzzjoni jew att fil-Parlament ma għamel proviżjoni kontra l-**Corrupt Practices,** il-Partit tal-Ħaddiema reġa' ġġieled din l-elezzjoni taħt id-dell tal-kwistjoni politiko-reliġjuża fejn kien għadu "dnub mejjet" li tivvota Labour. Il-Partit Nazzjonalista rebaħ 28 siġġu fil-Kamra tar-Rappreżentanti, filwaqt li l-Partit tal-Ħaddiema rebaħ 22 siġġu. Il-partiti l-oħra li kkontestaw ma rebħu ebda siġġu.

Dak li m'għamilx il-Gvern Malti biex jiżgura li ma tiddeffisx ir-reliġjon fil-politika għamlu l-Partit tal-Ħaddiema fl-Oppożizzjoni, li fl-1969 innegozja ftehim mal-Knisja Kattolika fejn din ta' l-aħħar intrabtet li ma terġax timponi d-dnub mejjet bħala ċensura fl-elezzjonijiet fil-ġejjieni. Aktar tard il-klawsoli dwar il-**Corrupt Practices** ġew imdaħħla fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' l-1974 (Sez. 57).

## IL-ĠLIEDA TRID TKOMPLI

Il-Partit tal-Ħaddiema rebaħ l-elezzjoni ta' l-1971 bi programm elettorali bbażat fuq politika barranija ta' non-alinjament u fuq ir-riżoluzzjoni li l-pożizzjoni tal-forzi Ingliżi f'Malta kellha tkun iddettata minn ftehim ġdid li jkun jissalvagwardja s-sovranità ta' Malta u jiżgura kumpens aktar realistiku għall-użu tal-faċilitajiet tad-difiża ta' Malta. In-negozjati ma' l-Ingilterra u l-pajjiżi tan-NATO bdew minnufih, iżda qabel xejn il-Gvern Malti neħħa minn Malta l-kwartieri ġenerali tan-NATO u nsista li l-Gvernatur Ġenerali jkun Malti. Sir Anthony Mamo sar l-ewwel Gvernatur Ġenerali Malti.

In-negozjati dwar it-trattat il-ġdid ta' difiża u finanzjarju kienu iebsin u l-Gvern Ingliż żamm iebes għal bosta xhur, filwaqt li l-Gvern Malti għamilha ċara li jekk ma jintlaħaqx ftehim xieraq, il-bażi tagħlaq minnufih. Fl-1972, wara ħafna diskussjonijiet intlaħaq ftehim li Malta tieħu £14-il miljun fis-sena bħala kera mingħand l-Ingilterra u l-pajjiżi tan-NATO u somma ta' madwar £7 miljuni, parti minnha għotja u parti oħra bħala "soft loan". Malta kellha tieħu wkoll £2.5 miljuni bħala għajnuna ekonomika mill-Italja, u l-Amerika aċċettat li tibgħat Malta team ta' esperti biex igħinu fl-ippjanar ekonomiku. Il-ftehim sar għal seba' snin, biex fit-tmiem tagħhom tispiċċa l-bażi militari darba għal dejjem.



**Mintoff jasal lura minn Londra f'Marzu 1972 — in-negozjati kienu iebsin iżda fl-aħħar Malta kisbet ftehim li jixirqilha.**

## MALTA REPUBBLIKA

**Fit-13 ta' Diċembru 1974, Malta saret Repubblika, b'Kostituzzjoni aktar sovrana, liberali u demokratika, b'elezzjonijiet ħielsa minn kull pressjoni temporali jew spiritwali. Il-Kostituzzjoni kif emendata għaddiet mill-Parlament b'49 vot favur u 6 kontra. Sir Anthony Mamo laħaq l-ewwel President tar-Repubblika.**

## HELSIEN SHIH

L-aħħar kapitlu fil-ġlieda twila tal-poplu Malti għall-ħelsien għalaq fil-31 ta' Marzu 1979, meta t-trattat tad-difiża m' l-Ingilterra wasal fit-tmiem tiegħu. Dakinhar intemmet storja twila wisq ta' ħakma barranija u ta' servitù lill-ħtiġijiet ta' qawwiet barranin, u twarrab l-aħħar xkiel biex Malta taqbad it-triq li jaqblilha hi, it-triq tal-paċi.

Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern